Qorti tal-Appell

(Sede Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 419/11CSH

**Euro Concrete Blocks Limited (C16202)**

**Vs**

**A. Montebello Tyres Limited (C8086) u Charles Mangion**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

L-attrici harrket lill-konvenuti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-hlas ta' €7,666.75 *"bhala bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-prezz ta' materjal tal-kostruzzjoni, ossija bricks, li gie mibjugh u kkonsenjat lilkom mill-istess socjeta attrici fuq l-inkarigu u ghal beneficcju taghkom"*.

Is-socjeta konvenuta wiegbet li:-

1. L-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2148(a) u 2149(a) tal-Kodici Civili.
2. Is-socjeta konvenuta ma xtratx bricks minghand l-attrici.
3. F'kull kaz hi s-socjeta konvenuta li hi kreditrici tal-attrici. Jekk kellu jirrizulta li s-socjeta konvenuta xtrat u hadet konsenja ta' bricks minghand l-attrici, issehh tpacija.
4. Mhux minnu li l-konvenuta giet imsejha thallas salv ghall-ittra ufficjali tal-10 ta' Gunju 2011. Il-konvenuta qatt ma rceviet invoice ghall-allegat bejgh u konsenja ta' bricks.

Il-konvenut l-iehor baqa' kontumaci.

B'sentenza tal-4 ta' April 2013, l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2149(a) u laqghet l-eccezzjoni li l-azzjoni hi preskrittra skond l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

L-attrici appellat mis-sentenza. Fil-qosor l-aggravji huma:-

1. Is-socjeta konvenuta ma setatx tecepixxi t-tpacija u fl-istess waqt il-preskrizzjoni. Dan l-argument tal-attrici ma giex ikkunsidrat mill-ewwel qorti. Meta tqies il-gurisprudenza f'dan ir-rigward, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tigi michuda.
2. L-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz in ezami. Is-socjeta attrici timmanifattura u tbiegh il-bricks. Ghalhekk m'hijiex wahda mill-persuni li jissemmew fl-Artikolu 2148(a). Inoltre, dan il-provvediment ma japplikax fejn il-kreditur hu mprenditur, fis-sens li l-prestazzjoni tkun

att ta' kummerc. Inoltre, l-konsenji li kienu saru kienu bl-ingrossa u mhux bl-imnut. L-Artikolu 2148(a) japplika ghal xoghol li jkun twettaq bl-imnut.

Is-socjeta konvenuta wiegbet li:-

1. Is-socjeta konvenuta kkontestat l-ezistenza tad-debitu tant li cahdet li xtrat bricks minghand is-socjeta attrici. Ghalhekk ladarba kkontestat l-ezistenza tad-debitu, ma jistax jinghad li r-raba' eccezzjoni tikkostitwixxi xi rinunzja ghal preskrizzjoni jew li hi inkompatibbli mal-ewwel zewg eccezzjonijiet.
2. Fir-rigward tat-tieni aggravju, il-bejgh u konsenja tal-bricks sar lill-konvenut l-iehor. Il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn bejgh bl-ingrossa u bejgh bl-imnut. Bla dubju s-socjeta konvenuta ma tinnegozjax minn materjal tal-kostruzzjoni immanifatturat minn haddiehor, u lanqas taghmel uzu minn materjal ta' kostruzzjoni fl-ezercizzju tan-negozju taghha. Ghalhekk ma sarx bejgh bl-ingrossa. Fil-kaz inezami s-socjeta attrici ma ezegwitx appalt u kien biss kaz ta' fornitura ta' materjal ta' kostruzzjoni u ghalhekk ma jistax jighad li l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili ma japplikax ghaliex il-kumpannija hi mprenditur.

Il-qorti rat l-atti u tosserva:-

1. Hu fatt li l-ewwel qorti ma esprimitx ruhha dwar l-argument tas-socjeta attrici (appellanti) li eccezzjoni ta' preskrizzjoni hi nkompatibbli ma' eccezzjoni ta' preskrizzjoni. Fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2013, il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni. F'nota prezentata waqt dik is-seduta, hu evidenti li l-appellanti kienet qeghda ssostni li l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni kienu jfallu ghaliex kien hemm eccezzjoni ta' preskrizzjoni. F'dan ir-rigward ghamlet riferenza ghas-sentenzi : **Salvino Farrugia nomine vs Exalco Holdings Limited**, Prim'Awla deciza fis-7 ta' Marzu 2012 u **Eucharistico Gauci vs Jesmond Borg et**, Qorti tal-Appell deciza fl-14 ta' Lulju 2014.

2. L-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili jipprovdi li:-

   *'fl-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu'.*

   Eccezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva trid tigi deciza skond l-azzjoni li jipproponi l-attur. Rilevanti hu dak li qalet din il-qorti fil-kawza **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello**, deciza fit-13 ta' Marzu 2009.

*'Hu ben saldat fid-dottrina legali u fil-gurisprudenza illi meta tigi opposta l-preskrizzjoni l-konvenut ma ghandu ghalfejn jipprova xejn izjed hlief id-dekorriment taz-zmien. Jaggrava fuq l-attur illi jiddemostra illi dik il-preskrizzjoni ma kienetx ammissibbli ghall-fattispeci tal-kawza, jew, alternattivament, jekk applikabbli, li dik l-istess preskrizzjoni giet sospiza jew interrotta. Jinzel minn dan illi l-perkors li suppost kellha ssegwi l-ewwel Qorti kellu jkun dan:-*

(1) ***Ir-ricerka u l-verifika jekk il-preskrizzjonijiet eccepiti, jew xi wahda minnhom, kienux jew le opponibbli ghat-talba**;*
(2) *F'kaz ta' applikabilita` ta' xi wahda minnhom jekk il-perijodu preskrittiv giex interrott ghal motiv dedott mis-socjeta` attrici;*
(3) *Stabbilita din l-interruzzjoni, id-determinazzjoni tal-mument storiku li fih avverat. Tezisti raguni legali evidenti ghal tali stharrig. L-interruzzjoni tal-preskrizjzoni ghandha l-effett li tannula il-perijodu preskrittiv gja mibdi, f'liema eventwalita` jinizzja perijodu gdid ta' preskrizzjoni minghajr ma jittiehed qies taz-zmien traskors qabel dik l-interruzzjoni. Dan hu hekk skond il-previzjoni tal-ligi flArtiklu 2136 tal-Kodici Civili. M'ghandniex x'inghidu, imbaghad, il-verifika ta' tali mument fokali ghal fini tal-komputazzjoni taz-zmien jinhass dejjem opportun fejn, ad ezempju, il-pretensjoni komplessiva tkun karatterizzata minn prestazzjonijiet jew konsenji singoli rikorrenti li kull wahda minnhom ghandha awtonomija guridika, ammenokke ma tkunx tirrizulta l-qaghda prospettata mill-Artikolu 2151 (2) tal-Kodici Civili'* (enfazi mizjuda).

Punt kardinali hu li *'.... z-zmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza ghall-azzjoni kif imfassla'* (ara sentenza tal-Prim'Awla fil-kawza **Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara et nomine**, deciza fit-30 ta' Ottubru 2003 u gurisprudenza citata fl-istess sentenza).

Fil-kaz in ezami l-azzjoni li pproponiet is-socjeta attrici hi ghall-hlas ta' bilanc ta' prezz dovut ghall-bejgh ta' bricks lill-konvenuti. L-ewwel qorti osservat li l-pretensjoni tal-attrici hi ghall-hlas ta' 33 konsenja ta' materjal bejn Awissu 2008 u 11 ta' Settembru 2009. M'hemmx dubju li s-socjeta attrici m'hijiex wahda mill-persuni li jissemmew fl-Artikolu 2148(a) u lanqas m'hemm prova li hi persuna li: *'.... jahdmu sengha jew arti mekkanika'*. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, *'l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabbilita' taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent'*. Kif qalet din il-qorti fil-kawza **Joseph Aquilina nomine vs Edgar Ellul**, deciza fis-16 ta' Gunju 1994:-

*'Il-konvenut li jecepixxi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ma jehtieglu jipprova xejn hlief li **l-preskrizzjoni eccepita hi dik li tapplika ghall-kaz** u li ddekorra t-terminu'* (enfazi mizjuda).

Il-qorti m'ghandhiex dubju li s-socjeta konvenuta ma tatx prova li l-Artikolu 2148(a) japplika ghall-azzjoni kif proposta mis-socjeta attrici. Provvediment li m'huwiex jikkontempla bejgh, irrispettivament huwiex bl-imnut jew bl-ingrossa. Fis-sentenza citata hawn fuq, **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello**, il-kaz kien jitratta bejgh u konsenja ta' konkos. Din il-qorti qalet:-

*'Fil-fehma tal-Qorti, il-fatti maghrufa ta' dan il-kaz ma jidhrux li jattiraw lejhom il-preskrizzjonijiet qosra kontemplati mill-Artikoli 2148 (a) u 2149 (a) tal-Kodici Civili **tant ghaliex is-socjeta` appellata ma hijiex xi wiehed mill-artiggjani prevvisti mill-Artikolu 2148(a) (ara "Benny Camilleri -vs- Ian Schembri et", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 16 ta' Dicembru, 2002)**, tant ghaliex ukoll lanqas ma hi xi wiehed mill-appaltaturi ghal liema jirreferi l-Artikolu 2149 (a) (ara "George Zammit -vs- Teresa Bonnici nomine", Appell Civili, 27 ta' Mejju, 1957)'.*

3. Fir-rigward tal-ewwel aggravju, hu evidenti li l-ewwel qorti ma kkunsidratx l-argument tas-socjeta attrici li eccezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva m'hijiex kompatibbli ma' eccezzjoni ta' tpacija, u llimitat ruhha biex issemmi l-argument tas-socjeta attrici (ara fol. 6 tas-sentenza). Din il-qorti hi qorti ta' revizjoni. Gialadarba l-ewwel qorti ma tatx decizjoni dwar it-tezi tas-socjeta attrici li l-ewwel zewg eccezzjonijiet kellhom jigu michuda ghaliex m'humiex kompatibbli mat-tielet eccezzjoni, m'hijiex tal-fehma li ghandha tiddeciedi dwarha kif jidher li qeghda tippretendi l-appellanti. Billi ser jintlaqa' t-tieni aggravju tal-attrici, hu inutli li l-qorti taghmel konsiderazzjonijiet ulterjuri.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' t-tieni aggravju tas-socjeta attrici u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' April 2013 u tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta konvenuta.**

**Tordna lir-Registratur sabiex jiehu hsieb jibaghat l-atti lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smiegh tal-kawza**.

Anthony Ellul.